**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 224/2020**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 2180/2020 fl-ismijiet:-**

**L-Awtorita` Tal-Ippjanar**

**-Vs-**

**Mario Abela**
**Alexander Abela**

**Illum, 7 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Alexander Abela ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Novembru 2020 fejn ġie premess :-

1. Illi permezz ta' dan r-rikors l-esponent qieghed jopponi għal talba li saret mill-Awtorita tal-Ippjanar fl-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 2180/2020;

2. Illi l-esponent preliminarjament jirrispinġi l-allegazzjonijiet u l-pretiżi vvantati mil-Awtorita tal-Ippjanar fl-intier tagħhom bħala nfondati kemm fil-fatt kif wkoll fid-dritt stante li l-esponent m'għandu l-ebda somma xi jħallas lill-Awtorita;

3. Illi, u strettament mingħajr preġudizzju, is-Sur Mario Abela, detentur tal-karta tal-identita numru 792349M, għadda għal-ħajja aħjar. F'dan ir-rigward, sib anness iċ-ċertifikat tal-mewt mmarkat bħala 'Dok A';

4. Illi, mingħajr preġudizzju, l-esponent Alexander Abela mhux il-leġittimu kontradittur fil-kwalsjasi proċess talvolta inizjat fil-konfront tiegħu, wisq anqas leġittimu kontradittur fil-kuntest ta' dan l-att ġudizzjarju mertu għal dan r-rikors u dan stante lir-rikorrent m'għandux legami ta' titolu in kwantu referibbli l-propjeta' in diżamina mertu għall-oġġezzjoni attwali. F'dan ir-rigward sib anness id-dokumenti li juru id-donazzjoni tal-art inkwistjoni mmarkati minn 'Dok B1' sa 'Dok B7'.

5. Illi, ir-rikorrent jirrileva, bir-rispett dovut, illi din l-istess lanjanza ġiet kategorikament ikkontestata u ribattuta f'sensiela ta' ittri risponsivi preċedentament spediti mir-rikorrent;

6. Illi fi kwalsjasi każ u mingħajr preġudizzju, l-quantum rikjest huwa fiċ-ċirkostanzi kollha oltre milli eżorbitanti.

7. Illi, in finis u mingħajr preġudizzju għal dak kollu premess, kwalsjasi azzjoni vvantata mill-Awtorita' tal-Ippjanar fil-konfront tar-rikorrent fiċ-ċirkostanzi kollha preskritta fil-Liġi.

Għaldaqstant u in vista ta' dak espost fil-premess l-esponenti qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara din l-azzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar bhala wahda nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt;

2. Tiddikjara li l-esponent Alexander Abela mhux il-leġittimu kontradditur u konsegwentement, m'ghandu jhallas ebda ammont li hu allegat dovut lil Awtorita' tal-Ippjanar.

3. Minghajr preġudizzju ghal dak kollu espost fil-premess, tordna li kwalsjasi azzjoni vvantata mill-Awtorita' tal-Ippjanar fil-konfront tal-esponent hija preskritta fil-Liġi.

Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti joghġobha timponi fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjez, kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar, li hija minn issa inġunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanaripprezentata fl-14 ta' Diċembru 2020 fejn gie eccepit:-

Illi r-rikors ta' Alexander Abela ghandu jiġi miċhud, u dana billi r-raġunijiet miġjuba minnu in sostenn tar-rikors tieghu huma leġalment inammissibbli u fattwalment skorretti, billi:

1. Illi r-rikorrenti ma ghandux jinqeda b'dan ir-rikors sabiex jikkontesta l-mertu *per se* tal-*enforcement notice* u/jew r-responsabbilta' tax-xorta tal-illegalita' kolpita bl-istess. Ir-rikorrent naqas milli jappella mill-istess *enforcement notice* u allura llum ġie li ssokkomba, aċċetta u rrikonoxxa l-ordni kontenuta fl-istess

Avviż. Naturalment l-enforcement notice qatt ma ġie appellat propju ghaliex ma kien hemm assolutament ebda bażi legali ġustifikata fuqiex jiġi kontestat;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-oġġezzjonijiet tar-rikorrenti ma fihom ebda siwi billi l-Artikolu 100(5) tal-Kap.552 tal-Liġijiet ta' Malta irid illi *"l-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Kunsill Eżekuttiv fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-*artikolu, *jew kull ammont ieħor dovut lill-*Awtorità *skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti maħruġin taħt l-istess Att ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-*Awtorità ***mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż****. inkluż avviż ta' hlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom minghand xi persuna ohra."* Ghalhekk, meta r-rikorenti jsostni li ma ghandux jwieġeb ghall-azzjoni tal-Awtorita' esponenti abbażi tal-allegazzjoni li ma huwiex il-proprjetarju tas-sit, ma huwiex relevanti u dan meta mill-informazzjoni li ghandha l-Awtorita', ir-rikorrenti kien l-okkupant tas-sit mertu tal-każ;

3. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-fatt li l-quantum mitlub huwa eżorbitanti, din l-allegazzjoni hi wahda manifestament infondata. Kif ser jintwera waqt is-smiegh ta' din il-kawża, l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali kkontestata huwa pjenament ġustifikat u jirrifletti preċiżament l-ammont ta' hlassijiet inkorsi mill-Awtorita' biex seta' jiġi esegwit id-direct action mertu tal-każ odjern – u dan wara li r-rikorrent abusivament baqa' jisfida u jippersisti li ma jnehhiex l-illegalijiet kommessi.Hadd ma jista' jippretendi li jista' jitla' fuq mil-liġi, jikkommetti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u ma jnehhix l-istess, u imbaghad, meta l-Awtoritaregolatorja tkun kostretta taġixxi, jirrifjuta li jhallas ghall-ispejjez konnessi ma’ tali azzjoni, liema spejjez fl-ahharnett iridu jiġu sopportati mit-taxxi ta' ċittadini ohra li josservaw il-liġijiet tal-pajjiz u ma jghaddilhomx minn mohhom li jwettqu l-illegalijiet li twettqu

f'dan il-każ, u ghalhekk lanqas ghandhom ikunu ċittadini onesti li jbatu ghan-nuqqasijiet tar-rikorrent;

4. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, ai termini tal-artikolu 100(9) tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni tal-Awtorita' esponenti ma hijiex preskritta u dana peress li ghadhom ma għaddewx il-hames snin sa minn meta id-dejn sar dovut.

5. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi ghar-raġunijiet premessi, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jiġu miċhuda minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, ippreżentata fl-atti fl-20 ta' Mejju 2022;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensur tal-Awtorita' tal-Ippjanar fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2022;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghal-lum sabiex jigi deciz;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-Rikors promotur, ir-rikorrent iprevalixxa ruħu mill-procedura prospettata fis-subartikoli (6) u (7) tal-Artikolu 100 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 552). Dan wara li huwa ġie notifikat bl-att gudizzjarju pprezentat mill-Awtorita` tal-Ippjanar bin-numru 2180/2020 li permezz tiegħu l-istess rikorrent ġie interpellat flimkien ma' missieru Mario Abela, li sussegwentement miet fis-6 ta' April 2020, biex iħallas is-somma ta' €14,009.86, rapprezentanti spejjez inkorsi mill-Awtorita` tal-Ippjanar (l-Awtorita`) fl-ezekuzzjoni tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 00317/14.

Id-dispozizzjonijiet relattivi tal-ligi (Artiklolu 100 tal-Kap. 552) li jirregolaw dan il-procediment, jipprovdu illi meta l-Awtorita` tkun trid tirkupra dejn dovut lilha taht xi ligi jew regolament li hija jkollha l-jedd li tenforza, l-ufficjal awtorizzat:-

*(6) ... jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.*

*(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.*

Issa f'dan il-kaz, l-Awtorita` pprocediet biex tirkupra dejn li tikkontendi li huwa dovut lilha in linea ta' spejjez ta' ezekuzzjoni (*direct action*) tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 00317/2014, liema Avviz jirrizulta li gie maħruġ fid-29 ta' Awwissu 2014[1] fil-konfront tar-rikorrent u ta' missieru Mario Abela, b'rabta ma' żvilupp mingħajr permess sit ġewwa Triq il-Faqqus, Zejtun, liema sit jinsab indikat fuq *site*

[1] Dok. RG1

*plan* riprodott fl-Avviż ta' infurżar innifsu[2]. Il-ksur tal-kontroll tal-ippjanar ġie deskritt fl-Avviż bħala konsistenti f'bini ta' ħitan għal mat-triq, *retaining walls*, depożitu u twittija ta' materjal inert, il-formazzjoni ta' pit u t-tpoġġija ta' scrap u materjal ieħor ġo parti mis-sit[3].

Mill-provi li ressqet l-Awtorita' jirriżulta l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq kien gie notifikat lir-rikorrent Alexander Abela fil-11 ta' Settembru 2014[4] iżda mill-provi ma jirriżultax li qatt ġie intavolat appell minn dan l-Avviż quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86 tal-Kap. 504 u lanqas jirriżulta li s-sit ġie imregga' lura fl-istat li kien fih qabel sar l-iżvilupp illegali. Barra dan, ma nġiebet l-ebda prova fl-atti li turi li ġiet sottomessa xi applikazzjoni mal-Awtorita' sabiex dan l-iżvilupp bla permess jiġi sanat u regolarizzat. Mix-xhieda ta' Reuben Gauci jirriżulta wkoll li l-illegalijiet ma kienux għadhom tneħħew meta reġgħet saret spezzjoni oħra fis-sit fis-16 ta' Ottubru 2014 iżda in segwitu, waqt spezzjoni li saret fl-20 ta' Novembru 2014, instab li kien qed jitneħħa xi materjal li kien iddepożitat illegalment fis-sit[5] u effettivament, kien tneħħa ħafna minn dan il-materjal. Madanakollu, is-sit baqa' ma treġġax lura għall-istat li kien fih qabel twettaq l-iżvilipp illegali u dan l-istat ta' fatt wassal sabiex l-Awtorita`, bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru 2015, neħħiet hija stess l-illegalitajiet fuq is-sit bl-użu tas-setgħat lilha mogħtija dak iż-żmien mill-Artikolu 90 tal-Att X tal-2010 (Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp[6]).

L-Artikolu 90 jipprovdi hekk:-

*90(1) Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi s-sospensjoni, twaqqif jew ħtieġa oħra bħal dik, meħtieġa li jittieħdu b'avviż ta' twettiq ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat hemmhekk, l-Awtorità tista' tidħol fl-art, jew f'area tal-baħar u tieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif imsemmijin, inklużi l-iżmantellar jew it-tneħħija ta' xi*

[2] Is-sit jidher ukoll immarjat fuq ir-ritratti mill-arju Dok. RG4, fol. 76 sa 79.
[3] Vide ritratti Dok. RG2, fol. 71 sa 74, kif ukoll ritratti Dok. RG5.
[4] Referta, folio 70.
[5] Ara ritratti Dok. RG6.
[6] Kap. 504.

*apparat, makkinarju, għodod, beni, vetturi jew xi oġġetti oħra li jistgħu jkunu fis-sit u l-għemil ta' kull xogħol meħtieġ biex twettaq dak mitlub fl-avviż ta' twettiq u għal dan il-għan tista' titlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull aġenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija għandu għal dan il-għan jeżerċita dawk is-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.*

Imbagħad, is-subartikolu (5) tal-istess Artikolu 90 tal-Kap. 504, jiddisponi illi:-

*(5) L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi avviż ta' twettiq skond dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorita' skond xi provvediment ieħor ta' dan l-Att jew xi Regolamenti li jinħarġu taħt l-istess Att, ikunu jistgħu jiġu rkuprati mill-Awtorità bħala dejn ċivili mill-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, jew li b'xi mod tkun responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra. …* [emfasi tal-Qorti]

Jigi senjalat illi għalkemm illum l-ippjanar u l-izvilupp jinsabu regolati mill-Att dwar l-Ippjanar u Zvilupp (Kap. 552) li ġie fis-seħħ permezz tal-Att VII tal-2016, id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 504 għadhom japplikaw biex jirregolaw l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu bis-saħħa ta' dik l-istess liġi fiż-żmien relattiv[7]. Dan huwa relevanti ghaliex skont l-Artikolu 90(5) tal-Kap. 504, l-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Kunsill Eżekuttiv fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità *inter alia* skont xi dispożizzjoni tal-Att (Kap. 504) ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità.

L-istess Artikolu 90(5) tal-Kap. 504 huwa wkoll ċar meta jistipola illi dan id-dejn jista' jiġi irkuprat mingħand **il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant**, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.

[7] Ara fir-rigward, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7 u 35 tal-Kap. 552 (Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp).

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent jikkontendi primarjament li huwa mhux il-leġittimu kontradittur tad-domanda tal-Awtorita' għall-ħlas tal-ispejjeż tal-eżekuzzjoni tal-Avviż tat-Twettiq għaliex ma għandu l-ebda titolu fuq is-sit fejn twettqet din l-eżekuzzjoni u fiż-żmien meta sar l-iżvilupp illegali u kif ukoll meta l-Awtorita' ħadet l-azzjoni biex jitneħħa dak l-iżvilupp illegali, l-art kienet tappartjeni lil missieru Mario Abela. Sostna wkoll li l-azzjoni li ttieħdet mill-Awtorita' biex tirkupra mingħandu l-ħlas tal-ispejjeż għall-eżekuzzjoni tal-Avviż ta' Twettiq hija preskritta u fi kwalsiasi każ, l-ammont mitlub huwa eżorbitanti.

Il-Qorti sejra tibda biex tindirizza l-preġudizzjali li l-azzjoni li ttieħdet mill-Awtorita' għall-irkupru tal-ispejjeż tal-eżekuzzjoni tal-Avviż, hija preskritta. Dan għaliex minnufih jirriżulta li r-rikorrent naqas milli jiċċita l-artikolu tal-liġi li jistabbilixxi l-preskrizzjoni partikolari minnu invokat. Huwa paċifikatament ritenut fil-ġurisprudenza in materja li minħabba n-natura odjuża tal-istitut tal-preskrizzjoni, il-Qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett lil eċċezzjoni bħal din u li f'kull każ din għandha tingħata tifsira stretta. Dan ifisser li l-Qorti m'hijiex sejra tiddeċiedi hija stess liema dispożizzjoni tal-liġi seta' kellu f'moħħu r-rikorrent meta eċċpixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni u fir-rigward, tagħmel referenza għall-insenjament rapportat fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Settembru 2016[8] in materja ta' preksrizzjoni eċċepita f'ċirkostanzi simili:-

"*Konċepita b'dan il-mod ma jidhirx li l-preskrizzjoni eċċepita tista' tiġi akkolta. F'dan il-Qorti ma tistrieħx sempliċiment fuq l-awtorità tagħha iżda għandha s-sostenn tal-liġi u r-riflessjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell, sede Kummerċjali, fid-deċiżjoni fl-ismijiet Joseph Grech vs. Emanuele Camilleri et, 21 ta' Marzu 1977. Anke jekk f'dan il-każ il-Qorti kienet qed tikkonsidra l-preskrizzjoni mogħtija skont* Artikolu *2149, il-kunsiderazzjoni hemm akkordata tgħodd ugwalment għall-każ in ispeċje. A*

[8] **Coleiro General Supplies Limited v. Sandringham Limited.**

*propożitu ġie hemmhekk osservat illi "l-eċċepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b'mod suffiċjentement ċar u speċifiku bl-indikazzjoni tal-Artikolu 2254 (illum Artikolu 2149) tal-Kodici Ċivili, li f'ben ħames inċiżi distinti jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet għalkollox differenti waħda mill-oħra... Din il-Qorti, b'liġi, ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata" (Artikolu 2216, fil-preżent Artikolu 2111 tal-Kodici Ċivili) u m'għandhiex, għalhekk, tfittex biex tara hix applikabbli għall-każ xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx ġiet indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvokaha (ara Kollez. Vol. XXXIII P I p481; Vol.XXXIV PI p410 u Vol.XL PI p170)";*

*Rigwardata taħt dan il-profil, fejn ukoll fl-Artikolu 2148 għandek ben sitt inċiżi, din il-Qorti ma tistax ħlief tirriġetta l-preskrizzjoni invokata billi, kif formulata, ma tikkorrispondix għal dak li trid il-liġi u mhux il-każ li l-Qorti toqgħod tfittex għal liema waħda mill-azzjonijiet prospettati fil-predett artikolu kien qed jalludi l-appellanti.*"[9]

Għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tqis iktar il-preġudizzjali invokat mir-rikorrent fit-tielet talba tiegħu fir-Rikors promotur għaliex huwa manifestament infondat.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan, jirrizulta li effettivament, din il-vertenza tirrizolvi ruhha fid-determinazzjoni dwar jekk l-Awtorita` ghandhiex il-jedd li tirkupra l-ammont mitlub minghand ir-rikorrent Alexander Abela. Kif ingħad, hu jikkontendi li mhux il-leġittimu kontradittur tat-talba tal-Awtorita' għall-ħlas tal-ispejjeż li ntalbu permezz tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 2180/2020.

Fil-kaz in dizamina, l-Awtorita` agixxiet bl-interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas tal-ispejjez dovuti in konnessjoni mal-ezekuzzjoni tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq

[9] **Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd v. Anthony Calleja**, Court of Appeal (Inf.), decided 4.10.2006.

ECF317/2014, liema ezekuzzjoni saret bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru 2015 skont kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti fl-atti. Dan ifisser illi meta hija pprocediet bil-procediment odjern taht l-Artikolu 100 tal-Kap. 552, l-Awtorita' kienet qed tagixxi ghall-irkupru ta' dejn li huwa dovut lilha taht l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 504) li kien fis-seħħ meta hija wettqet l-ezekuzzjoni tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq.

Kif rajna, l-Artikolu 90 tal-Kap. 504 jipprovdi illi l-ispejjeż kollha li raġjonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi avviż ta' twettiq skont dan il-provvediment, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt l-istess Att, ikunu jistgħu jiġu rkuprati mill-Awtorità bħala dejn ċivili mill-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, jew li b'xi mod tkun responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.

Minn dan hu ovvju li kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mil-abbli avukat tar-rikorrent, mhux meħtieġ li għall-fini tal-irkupru ta' spejjeż tal-eżekuzzjoni ta' Avviz ta' Twettiq, id-debitur ikollu ness ta' titolu mas-sit fejn ikun twettqet l-eżekuzzjoni. Il-persuni li skont il-liġi jwieġbu għall-obbligu ta' rifużjoni ta' dawn l-ispejjeż huma dawk kollha imsemmija mill-Artikolu 90 tal-Kap. 504, liema dispożizzjoni legali tistabbilixxi espressament min għandu jitqies bħala l-kontradittur tat-talba għall-irkupru ta' spejjeż dovuti b'rabta ma' azzjoni meħuda għall-fini tal-istess dispożizzjoni legali. Dan ifisser li jekk kemm il-darba huwa stabbilit li r-rikorrent inifsu kien wieħed mill-persuni msemmija mill-Artikolu 90 tal-Kap. 504, huwa immaterjali għall-fini tal-obbligu tal-ħlas tal-ispejjeż maħsuba f'dik l-istess dispożizzjoni legali, il-fatt li fiż-żmien meta twettaq l-iżvilupp milqut mill-Avviż ta' Infurzar jew fiż-żmien tal-ħruġ tal-istess Avviż jew anke fiż-żmien tal-eżekuzzjoni tal-istess Avviż, il-proprjetarju tas-sit jew tal-oġġetti depozitati fih illegalment, ma kienx ir-rikorrent u kien xi ħadd ieħor.

Issa fil-każ in diżamina kif rajna, anke jekk fiz-zmien meta l-Avviż 00317/14 ġie eżegwit il-proprjetarju tas-sit kien Mario Abela u mhux ir-rikorrent Alexander Abela, l-istess rikorrent kien wieħed mill-persuni li fil-konfront tagħha inħareġ dan l-istess Avviż fir-rigward tal-iżvilupp illegali li tneħħa permezz tal-azzjoni li dwarha l-Awtorita' rreklamat il-ħlas tal-ammont ta' €14,009.86. Kif ġie wkoll stabbilit, qatt ma ġie interpost l-ebda appell minn dan l-Avviż da parti tar-rikorrent biex jikkontesta l-fatt li dan inħareġ ukoll fil-konfront tiegħu.

Iżda mhux hekk biss, talli mill-atti jirriżulta illi permezz ta' email li ntbagħat fl-24 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent kien ikkomunika ma' Raymond Dimech - l-uffiċjal li kien inkarigat bl-Avviż ta' Infurza in dizamina - fejn għarrfu li huwa kien għamel ix-xogħol meħtieġ biex reġġa' l-art lura "*kif kienet*"[10]. Barra dan, jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Charles Gafa', li kien qed jieħu ħsieb id-*direct action* li twettqet fis-sit in diżamina, illi l-istess rikorrent Alexander Abela kien preżenti fuq is-sit meta l-Awtorita' ħadet l-azzjoni għat-tneħħija tal-iżvilupp illegali f'Diċembru 2015. Charles Gafa' xehed li r-rikorrent dakinhar kien "*enfasizza li, mill-affarijiet tiegħu ma mmissu xejn... ma ridniex neħdulu l-affarijiet ...*"[11] iżda kien eventwalment neħħa huwa stess wħud mill-vetturi mis-sit inkluż xi inġenji li kienu qed jinżammu hemmhekk illegalment. Jirriżulta wkoll[12] illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn l-Awtorita' u l-imsemmi Alexander Abela biex fuq talba tal-Awtorita' nnifisha, tinżamm laqgħa qabel tittieħed l-azzjoni għall-eżekuzzjoni tal-Avviż ta' Infurzar u t-tneħħija tal-illegalijiet fis-sit. Fl-ebda waqt ma ġie allegat mir-rikorrent li hu m'għandux x'jaqsam mas-sit u l-illegalijiet riskontrati fih: għall-kuntrarju, ir-rikorrent wera ruħu dispost li jattendi għal din il-laqgħa, biss jirriżulta li huwa ħassar darbtejn l-appuntamenti li kienu skedati filwaqt li l-aħħar appuntament tħassar mill-Awtorita' u effettivament, din il-laqgħa qatt ma seħħet.

Għall-Qorti dan kollu magħdud ifisser li r-rikorrent kien mhux biss wieħed mill-persuni li kienu jokkupaw is-sit fiż-żmien tal-ħruġ tal-Avviż ta' Infurzar li abbażi

[10] Ara email Dok. RG7, fol. 84 *tergo.*
[11] Fol. 115 u 116.
[12] Ara xhieda ta' Charles Gafa', 20 ta' Jannar 2022.

tiegħu ittieħdet l-azzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda kien ukoll persuna li b'xi mod kien responsabbli għall-għemil indikat fl-istess Avviż u li effettivament assuma responsabbilita' sija għall-bini bla permess li kien sar fis-sit[13] u kif ukoll għat-tpoġġija tal-materjal u scrap li kien qed jinżamm fis-sit illegalment[14].

Stabbilit li r-rikorrent huwa persuna li skont l-Artikolu 90 tal-Kap. 504 li mingħandha jistgħu jiġu rkuprati mill-Awtorita' l-ispejjeż li jkunu saru biex ġie eżegwit l-Avviż ta' Twettiq in diżamina, il-kontenzjoni li huwa mhux il-leġittimu kontradittur tat-talba għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż, tfalli irrimedjabbiliment.

Ikkunsidrat;

Mhux kontestat illi l-eżekuzzjoni tal-Avviz ta' Twettiq ECF 00317/14 saret mill-Awtorita' permezz ta' terzi minnha inkarigati u illi effettivament, ġew inkorsi spejjeż fir-rigward: ir-rikorrent jillimita l-kontestazzjoni tiegħu fir-rigward, għall-quantum tal-ispejjeż reklamati għaliex fil-fehma tiegħu, dawn huma eżorbitanti.

Madanakollu, huwa baqa' ma kkontestax effettivament il-provi li ressqet l-Awtorita' in sostenn tal-ammont pretiż. F'kull każ, l-Awtorita' sostanzjat it-talba tagħha pjenament, b'xhieda[15] kif ukoll bil-produzzjoni tad-dokumenti kollha relevanti[16], fosthom *statement* ossia kont finali[17] kif ukoll l-*invoices* u riċevuti tal-ispejjeż indivdiwali li flimkien jammontaw għas-somma totali ta' €14,009.86. Ir-rikorrent naqas ukoll milli juri kif l-ispejjeż inkorsi ghall-ezekuzzjoni tal-Avviz in dizamina kienu eżorbitanti u l-Qorti ma għandha xejn quddiemha li juri li intefqu spejjeż li ma kienux raġjonevolment prospettati li jintefqu, ma kienux meħtieġa jew tħallsu b'rata ogħla mir-rati tas-suq dak iż-żmien.

---

[13] Vide: email tal-24 ta' Novembru 2014, fol. 84 *tergo*.
[14] Xhieda ta' Charles Gafa'.
[15] Xhieda ta' Charles Gafa', 20 ta' Jannar 2022.
[16] Ara Dok. PA1, PA2 u PA3, fol. 90 *et seq*.
[17] Ara fol. 90.

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti ma tirravviza l-ebda raguni ghaliex id-dejn reklamat mill-Awtorita` permezz tal-interpellazzjoni gudizzjarja bin-numru 2180/2020 m'huwiex dovut jew ghala ma jistax jigi rkuprat minghand ir-rikorrent. Ghaldaqstant, ma tistax taqbel mal-istess rikorrent li t-talba ghall-ħlas tas-somma ta' €14,009.86 hija infondata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent fir-Rikors tieghu tal-10 ta' Novembru 2020.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandu jbatihom ir-rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**